## LIL MADLIENA

*Ta'* G. Micallef Grimaud

Kemm kienu,
Madliena,
li ġew biex jissakru,
l-għatxana għas-sbuħija ta' ġismek żagħżugħ?
Kemm ikenu,
Madliena,
li harġu sikrana,
jirtogħdu
bis-saħna ta' deni m'nu imħabba bla ruħ?

Min jaf? Biss —
Tgħidilna,
Madliena,
L- Istorja tal-ħajja
tal-Bniedem u Alla li kienu sallbuħ,
li fuqu
fost kollha
ħlejt l-isħaħ u l-eqqel
imħabba:
li lilu tajt kollha l-imħabba tar-ruħ.

## QABEL IL-LEJL (*)

*Ta'* Joseph M. Ciappara

Minn fuq is-swar, nitnikker fil-għaxija,
ilmaħt ix-xemx titħarrab mis-smewwiet,
u rajtha nieżla xxerred l-aħħar dija,
u ssib mistrieħ fix-xefaq tal-għoljiet.

Ilmaħt żagħżugħ u tfajla fil-mogħdija
li tibqa' tilwi qalb l-irdumijiet;
u smajt il-klieb tal-għassa għalenija
itennu n-nebħa twila ta' l-imwiet.

Il-friefet ħarġu tal-lejl li kien ġej;
fis-skiet indifnet il-qalb tal-ħolqien,
u d-dalma ħonqot u sakkret l-imħuħ:

u tnissel fija biża' kbir, Mulej,
li 'l-bniedem ħati ma tagħtix qawmien
minn dik ir-raqda li tmarrad ir-ruħ.

(*) Fuq is-swar ta' Howard Gardens, ir-Rabat, int u tħares lejn l-Imtarfa.



# AQTA' JIESEK LI TARANI...

## Radjoxena ta' A. CREMONA

**EDDIE**
**TESSIE**
**ĊUŻA**
**EMILY**
**VIRA**
**DORIS**
**CHAUFFEUR**
**ALFJO, il-Barunċin**
**KONDUTTUR**

NARRATUR:—

*Fil-Ġnien ta' Hastings il-Belt Valletta. Wara nofs in-nhar. Mejju ta' l-1954. EDDIE u TESSIE bil-qiegħda fuq bank taħt siġra f'rokna tal-ġnien.*

EDDIE: *(b'leħen qawwi u mgħaddab)* Ma rridx nisma'. Għidtlek li mhux pjaċir tiegħi li tmur......

TESSIE: Imma inti jidhirlek li għandi nonqos? Ħbiebi l-studentessi sejrin ukoll...... sejra magħhom...... Vira, Marċella, Ċeċilja...... kollha bniet bħali...... Wegħednieha li sejrin... l-għarus tagħha student magħna...... il-papà u l-mamà tagħha xtaqu li sħabha kollha jkunu hemm...... daqsxejn ta' *party* familjari...... li kieku konna għarajjes kienu jistiednu lilek ukoll......

EDDIE: Għidtlek ma rridx naf u ma rridx nisma'......

TESSIE: Imma ismagħni ftit...... Li kieku kont mistieden int u jien le, jidhirlek li ma nħallikx tmur?...... Inġagħlek tonqos?...... Kemm kont tgħid li jiena naħseb baxx...... li jiena ma nafx x'inhi etiketta...... li bħala studentessa f'Università jmissni naħseb ftit aħjar......